**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs.**

**David Woodhouse Scicluna**

Numru: 93/2012

Illum is-sebgha (7) ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **David Woodhouse Scicluna**, ta' hamsin (50) sena, bin William u Pauline neé Mangion, imwieled Pietà fid-29 ta' Settembru 1961, u residenti 148, Triq il-Kbira, Balzan, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 670961(M), akkuzat talli f'Lulju 2012 u fix-xahar ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, u cioé gewwa x-Xaghra, Ghawdex:

1. approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma t`aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioé is-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) ghad-dannu ta' Franco Debono, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. bejn ix-xahar ta' Dicembru 2010 u x-xahar t'Ottubru 2011, f'dawn il-Gzejjer, ghamel dikjarazzjoni falza, jew ta xi taghrif falz, jew pproduca xi dokument falz, ghal xi wiehed mill-ghanijiet tal-Att Dwar l-Karti ta` l-Identita' meta kien jaf li dan huwa falz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 98) datata 7 ta' Mejju 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 293 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Att dwar il-Karta tal-Identita' u Dokumenti Ohra tal-Identita';
(c) fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 99), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-7 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 98), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelant.

Semghet lill-imputat jiddikjara li kien qed jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri (*a fol.* 100).

Rat id-dokumenti ezebiti mid-difiza fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 102 *et seq.*).

Rat is-*Social Inquiry Report* (Dok. "SB 1" – *a fol.* 139 *et seq.*) redatt mill-*Probation Officer* Svetlana Bezzina, liema rapport gie redatt in segwitu ta' talba tad-difiza liema talba saret fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 100 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April 2015 (*a fol.* 160) fejn il-Qorti kkoncediet zmien lill-partijiet f'dawn il-proceduri sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet finali taghhom bil-miktub.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, liema Nota giet ipprezentata fit-13 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 165 *et seq.*).

Rat in-Nota responsiva tad-difiza, liema Nota giet ipprezentata fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2015 u mmarkata bhala Dok. "RF 1" (*a fol.* 175 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2013, xehed **Franco Debono** (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn beda billi kkonferma l-iskrittura privata li giet immarkata bhala Dok. "C" (*a fol.* 13 *et seq.*). Spjega li kienu qed jircievu xi korrispondenza fuq isem l-imputat fl-indirizz fejn toqghod ommu (omm Debono) cioé 38, Giants Street, Xaghra, Gozo. Jghid li hu ma tax permess lill-imputat juza dan l-indirizz. Wara li ra numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "AMM 1" (*a fol.* 23 *et seq.*) spjega li dawn huma dokumenti li rcieva l-imputat fl-indirizz imsemmi. Jghid li meta ommu kienet tircievi dawn id-dokumenti kienet tghaddiehom lilu (lil Debono). Jghid li ommu kienet taf lill-imputat pero jghid li ommu qaltlu li qatt ma kienet tat permess lill-imputat biex jaghmel l-Karta tal-Identita' tieghu fuq il-post taghha.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li lill-imputat ilu jafu madwar hames jew sitt snin. Jghid li sar jafu ghax jikri l-*farmhouses* minn ghandhom. Jghid li l-imputat gie li qassamlu xi xoghol tieghu pero li dan kien jaghmlu biss bhala pjacir. Jghid li sa fejn hu l-imputat qatt ma qallu li kien ser jaqleb il-Karta tal-Identita' tieghu fuq l-indirizz taghhom. Jixhed li l-imputat kien jghidlu biex ma jaghtix kaz id-dokumenti li kienet jigu ricevuti ghand ommu. Jixhed li beza' meta rcevew korrispondenza minn ghand il-kumpanija Flamingo fejn kienu ser

jaghmlulhom sekwestru fuq id-dar t'ommu. Jghid li ma jafx jekk l-imputat ghadux mnizzel fl-indirizz imsemmi jew le.

**Franco Debono** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-2 ta' April 2014 (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn ezebixxa l-iskrittura li kienet saret bejnu u bejn l-imputat fis-sena 2011, liema skrittura giet immarkata bhala Dok. "FD 1" (*a fol.* 80). Ezebixxa wkoll kambjala (Dok. "FD 2" – *a fol.* 81). Jispjega li fl-indirizz 38, Triq ta' Gorf joqghodu l-genituri tieghu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-iskrittura u l-kambjala li pprezenta saru qabel bdew il-proceduri odjerni. Jghid li l-imputat ma ghandux kuntatt ma' ommu. Jghid li l-*farmhouses* taghhom jinsabu faccata fejn toqghod ommu. Jghid li meta l-imputat kien imur fil-*farmhouses* taghhom kien imur jaghmel xi *week-end*. Ikkonferma li l-indirizz hu (Debono) qatt ma tahulu. Mistoqsi jghid jekk l-imputat lilu qattx talbu permess biex jaghtih indirizz jew qattx qallu li kien ser jaghmel uzu minn indirizz taghhom jew qattx talbu permess, wiegeb: *"Lili qatt ma talabni xejn fuqu"* (*a fol.* 78). Jghid li l-imputat issa qieghed jaghmel il-hlas li kellu jaghmel u m'ghandux problemi.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2013, xehdet ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Anna Marie Xuereb già Micallef** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjegat fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet redatti mill-Pulizija in segwitu ta' rapport li kien ghamel Franco Debono personalment fejn taghhom kwerela ffirmata mill-avukat tieghu. Tispjega li r-rapport originali kien illi Franco Debono kien sellef lill-imputat l-ammont ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) f'*cash* wara talba tal-istess imputat. Tixhed li l-imputat kellu jhallas lil Debono fi zmien xahar, massimu xahrejn. Tghid li l-ftehim sar f'Gunju 2011 u li r-rapport lill-Pulizija sar fl-1 ta' Awwissu 2012, fejn kien ghadu ma sar l-ebda hlas lura. Tghid li Debono qalilhom ukoll li omm Debono kienet tircievi diversi korrispondena f'isem l-imputat fuq l-indirizz taghha. Tixhed li Debono kien qalilhom li la hu u anqas ommu ma taw permess lill-imputat biex jaghmel uzu minn dan l-indirizz. Spjegat li minn ricerka li ghamlet irrizulta li bejn it-28 ta' Dicembru 2010 sal-24 ta' Ottubru 2011, l-imputat kien registrat fuq Ghawdex. Ezebiet dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "AMM 2" (*a fol.* 33). Tghid li ttiehdet stqarrija tal-

imputat, li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "AMM 3" (*a fol.* 34 *et seq.*) u in segwitu ta' dan rega' gie mitkellem Debono fejn cahad li l-imputat kien qed jaghmillu xi xoghol ta' *health and safety*.

In kontro-ezami kkonfermat li l-imputat kien jikri l-*farmhouses* minn ghand Debono. Tghid li la Debono u anqas l-imputat qatt ma wrewha rcevuti ta' dawn il-kirjiet.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2014, xehed **Mario Tabone** (*Principal* fl-Ufficcju Elettorali – *a fol.* 63 *et seq.*) fejn spjega li bejn l-1 ta' Jannar 2010 sas-27 ta' Dicembru 2010 l-imputat kien registrat f'indirizz f'Hal Balzan u li mit-28 ta' Dicembru 2010 sat-23 ta' Ottubru 2011 kien registrat f'38, Triq ta' Gorf, ix-Xaghra, Ghawdex. Jghid li mill-24 ta' Ottubru 2011 sakemm ta d-depozizzjoni tieghu l-imputat kien registrat f'Hal Balzan. Ezebixxa dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "MT 1" (*a fol.* 65). Mistoqsi xi jghid l-Att dwar il-Karta tal-Identita', jghid li l-indirizz li wiehed ikollu fuq il-Karta tal-Identita' ghandu jkun normalment fejn wiehed jirresjedi.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' April 2014, xehdet **Josephine Debono** (*a fol.* 82 *et seq.*) fejn spjegat li l-post bin-numru 38, Triq ta' Gorf, Xaghra huwa taghha u tar-ragel taghha Salvu. Tghid li taf lill-imputat ghax kien imur fil-*farmhouse* taghhom u li tahseb li mar xi hames darbiet. Mistoqsija tghid jekk tatx permess lill-imputat biex jabita' fil-fond imsemmi jew biex ipogggi l-indirizz tal-post x'imkien, wiegbet fin-negattiv. Tghid li l-*farmhouse* li kien joqghod fiha l-imputat m'huwiex l-indirizz li semmiet fil-bidu tad-depozizzjoni taghha. Wara li giet murija Dok. "AMM 1" (*a fol.* 23 *et seq.*) tghid li dawn huma indirizzati lill-imputat u li gew ricevuti fuq l-indirizz taghhom. Tichad li qatt tat xi permess lill-imputat biex dawn id-dokumenti jigu ricevuti f'dan l-indirizz.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' April 2014, xehed **Jack Theuma** (*a fol.* 86 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa *Manager* tal-Bank of Valletta, fir-Rabat, Ghawdex. Xehed fuq kont bankarju li jsejjah lil Roderick u Franco Debono. Mitlub jghid jekk kienux qed isiru pagamenti mill-imputat f'dan il-kont, wiegeb fin-negattiv. Spjega li minn kont iehor f'isem Franco Debono jirrizulta li kienu saru xi *transactions* mill-imputat. Ezebixxa dokumenti in sostenn ta' dak li xehed

fuqhom, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "JT 1" u "JT 2" (*a fol.* 88 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' April 2014, xehed ukoll **Anthony Borg** (*a fol.* 94 *et seq.*) fejn qal li jaf lil Franco Debono fuq xoghol peress li ghamel zmien jahdem mieghu. Jghid li darba minnhom l-imputat kien ha xi karti rigward l-ammont ta' madwar ghoxrin elf (20,000), ma jafx jekk hux Euro jew liri Maltin. Mistoqsi jghid jekk wara din id-darba regghax iltaqa' mal-imputatr wiegeb: *"Le, gie li konna nkunu kien jigi. Jerga' jghidlu ha ntik il-flus, ha ntik il-flus, u l-flus qatt ma waslu, dik dik li nista' niftakar jien"* (*a fol.* 96).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2014, id-difiza ezebiet numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "RF 1" sa "RF 19" (*a fol.* 102 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, xehdet il-***Probation Officer Svetlana Bezzina*** (*a fol.* 137 *et seq.*) fir-rigward tas-*Social Inquiry Report* (Dok. "SB 1" – *a fol.* 139 *et seq.*) redatt minnha. Hija qalet: *"mill-informazzjoni li gbart jidher li f'numru ta' aspetti f'hajtu huwa stabbli l-imputat. Madanakollu nnutajt xi haga, huwa sostna mieghi illi fil-passat kellu numru ta' mpjiegi, fost l-ohrajn bhala cleaner, bhala security guard u anke bhala trainer b'kuntratt mal-ETC f'korsijiet relatati ma' Health and Safety. Huwa infatti qalli li wara li spicca l-iskola obbligatorja ghamel numru ta' korsijiet qosra, imma qalli wkoll li kompla l-istudji tieghu b'tali mod li anka kiseb Master, Master f'Occupational Health and Safety Management mill-Universita' Northfield, qalli li tinsab l-Ingilterra. Madanakollu mill-verifika li saret mal-Malta Qualifications Recognition Information Centre, din l-Universita' ma gietx lokalizzata minn sorsi li juzaw huma s-soltu sabiex jivverifikaw certu informazzjoni. Jien kkonfrontajtu dwar dan lilu, qalli li kellu xi informazzjhoni li seta' jofrili biex ikompli jsostni l-verzjoni tieghu, kont qieghda, ikkonfrontajtu fir-residenza tieghu, pero' ma kienx f'pozizzjoni, qalli li joffrili dik l-informazzjoni f'dak il-punt. Tajtu xi cans xi jiem biex joffrili din l-informazzjoni, pero' ma giex biha. Jigifieri hemmhekk li hemm xi issues ta' kredibilita' fl-informazzjoni li gbart"* (*a fol.* 138).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "AMM 3" – *a fol.* 34 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Xuereb già Micallef, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, l-imputat spjega li lil Franco Debono u martu sar jafhom madwar sitt snin qabel peress li kien jikri *farmhouse* minn ghandhom. Jghid li saru hbieb peress li kien imur ta' spiss Ghawdex tant li Franco Debono kien anke talbu l-ghajnuna biex jaghtih pariri kif ghandu jmexxi l-hanut tal-ikel u l-fabbrika tal-ikel. Ikkonferma li Franco Debono u martu sellfuh ghoxrin elf Euro (€20,000). Jghid li kien qalilhom li ried il-flus ghax-xoghol u ghall-*business*. Mistoqsi jghid x'ghamel b'dawn il-flus, jghid li kompla jzid l-affarijiet fosthom *stock* u *equipment* fil-hanut. Jichad li huwa qatt qal il-kliem lil Franco Debono u martu li huwa ried il-flus biex ikun jista' jgib flus ohra mis-South Africa. Jichad li huwa qatt wera xi certifikati lil Debono u martu. Jikkonferma pero li lil Debono kien wrieh cekk li kien ircieva minn kumpanija li kien hadem maghha, liema cekk kien fl-ammont ta' $180,000.000. Ikkonferma li ghal zmien twil kellu l-Karta tal-Identita' tieghu fuq Ghawdex. Jghid li dan kien hekk peress li kien imur jghin lil Franco Debono fil-fabbrika u fil-hanut tieghu. Jichad li hu qabad u ghamel l-indirizz fuq fejn toqghod omm Franco Debono minghajr il-permess ta' xi hadd. Jghid li meta kien jghin lil Franco Debono ma kienx ihallas biex joqghod fil-*farmhouse*. Isostni li l-flus minn Debono riedhom minhabba l-hanut. Mistoqsi jghid ghala kien ghadu ma hallas xejn lil Franco Debono wiegeb li peress li ma kellux flus kontanti. Jghid li hu (l-imputat) qatt ma harbu lil Debono u li jrid ihallsu lura.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 293 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' misapproprjazzjoni u cioé meta persuna zzomm hwejjeg li tkun zammet ghal haddiehor u ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom. Il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha tinhela wisq fuq din l-imputazzjoni. Ir-raguni hija semplici. Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:
>
> **Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti**". [emfazi mizjuda]

Illi ma jezistux ic-cirkostanzi aggravanti taht Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema cirkostanzi jgibu l-azzjoni kriminali *ex officio.* Tant hu hekk li l-Avukat Generali anqas indika l-Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Illi Artikolu 545(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> "Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull żmien sa ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġa għamel".

Illi fis-seduta tas-17 ta' April 2013 (*a fol.* 5) gie verbalizzat is-segwenti:

> "Dr. Damian Bigeni ghall-kwerelant u Dr. Noel Cutajar ghall-imputat ikkonfermaw illi l-kwerelant Franco Debono u l-imputat waslu fi ftehim rigward akkuza numru wiehed (1) u dan jirrizulta minn dokument C pprezentant fis-seduta tal-lum.
>
> Franco Debono ghal kull buon fini jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli f'din il-kawza".

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti jirrizultalha li l-kwerela tal-kwerelant giet irtirata u ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi dak li qed jigi akkuzat bih l-imputat taht it-tieni (2) imputazzjoni jemergi minn Artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jghid hekk:

> "Kull persuna li: […]
>
> (b) li tagħmel xi dikjarazzjoni falza, jew tagħti xi tagħrif falz, jew tipproduċi xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att, meta tkun taf li dan huwa falz;
>
> […] teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sentejn u mhux iżjed minn ħames snin".

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Mario Tabone (*Principal* fl-Ufficcju Elettorali – *a fol.* 63 *et seq.*) spjega li bejn l-1 ta' Jannar 2010 u s-27 ta' DIcembru 2010 l-imputat kien registrat f'indirizz f'Hal Balzan u li mit-28 ta' Dicembru 2010 sat-23 ta' Ottubru 2011 kien registrat f'38, Triq ta' Gorf, ix-Xaghra, Ghawdex. Wara dan iz-zmien, l-imputat rega' kien registrat f'Hal Balzan.

- B'konsegwenza tal-indirizz tal-imputat f'Ghawdex, l-imputat beda jircievi diversi korrispondenza fl-indirizz imsemmi, fejn jirrisjedu l-genituri tal-kwerelant Debono. Il-kwerelant Debono jixhed li hu ma tax permess lill-imputat juza dan l-indirizz u li, sa fejn jaf hu, l-imputat qatt ma qallu li kien ser jaqleb il-Karta tal-Identita' tieghu fl-indirizz f'Ghawdex. Jghid ukoll li ommu qaltlu li qatt ma kienet tat permess lill-imputat biex jaghmel l-Karta tal-Identita' tieghu fuq il-post taghha.

- Josephine Debono (*a fol.* 82 *et seq.*) tixhed li hi ma tatx permess lill-imputat biex jabita' fil-fond taghha f'Ghawdex jew biex ipogggi l-indirizz tal-post x'imkien.

- Fl-istqarrija (Dok. "AMM 3" – *a fol.* 34 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur, l-imputat ikkonferma li ghal zmien twil kellu l-Karta tal-Identita' tieghu fuq Ghawdex. Jghid li dan kien hekk peress li kien imur jghin lil Franco Debono fil-fabbrika u fil-hanut tieghu. Jichad li hu qabad u ghamel l-indirizz fuq fejn toqghod omm Franco Debono minghajr il-permess ta' xi hadd.

Illi l-Qorti tinnota li Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi f'ghandu jkun fih id-dokument ta' identifikazzjoni fejn, fost l-ohrajn, ghandu jkun fih dettalji tal-persuna koncernata, inkluz l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza.

Illi mill-provi akkwiziti ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-post f'Ghawdex hawn fuq imsemmi kien il-post principali ta' residenza tal-imputat. Huwa minnu li jirrizulta li l-imputat kien jircievi korrispondenza tieghu fl-indirizz f'Ghawdex pero l-Qorti tinnota li l-kwerelant Debono jghid li *"sa fejn hu"* (*a fol.* 20) l-imputat ma kienx qallu li kien ser jaqleb il-Karta tal-Identita' tieghu fil-post f'Ghawdex. Omm il-kwerelant tghid dan b'certezza.

Illi l-Qorti mhijiex sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat u dana *stante* li minkejja li l-fatti juru li l-kwerelant u l-qraba tieghu ma riedux lill-imputat juza l-indirizz f'Ghawdex fuq il-Karta tal-Identita' tieghu, ma jirrizultax jekk dan kienx il-post principali ta' residenza tal-imputat. Minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwar dan, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, jirrizulta li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, ma ssibx lill-imputat David Woodhouse Scicluna hati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**